**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMIIT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 29**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 22 ta' Ġunju 2021 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

XEJN

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**1 Approvazzjoni u Kunsiderazzjoni tal-Minuti**

**1.1** **Is- Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 28, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 28 ġew approvati b'mod unanimu.

**2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**2.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsillier George Muscat ippreżenta dikjarazzjoni fejn qed jiddikjara ruħu bħala Kunsillier Indipendenti.

**2.2** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li x-xogħlijiet fuq il-bini tal-ġnien fiż-żona ta' Farżina għaddej skont il-programm u nfurma wkoll li fil-ġimgħat li ġejjin se jkun qed jinbeda x-xogħol fuq Misraħ iż-Żebbuġ.

**2.3** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento talab lil dawk il-membri li mistennija jikkontestaw l-elezzjoni ġenerali sabiex jiddikjaraw li mhux se jintuża l-Kunsill u dak kollu relatat miegħu a skapitu ta' propoganda personali u partiġġjana. Barra minhekk għamilha ċara li f'komunikati uffiċjali tal-Kunsill, is-Sindku u l-Kunsillier responsabbli mis-settur, se jkunu qed jindirizzaw konferenzi stampa.

**2.4** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li kien hemm diffikulta' bl-*email address* tal-Kunsillier Ralph Puli u kien għalhekk li m'attendix għall-Konferenza Stampa organizzata mill-Kunsill dwar l-art fi Triq id-Deheb Fin.

**2.5** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li minn informazzjoni li ġiet mgħoddija lilu fis-sit ta' Triq id-Deheb Fin hemm xi banjijiet rumani u għaldaqstant il-Kunsill għandu jressaq din l-informazzjoni għall-attenzjoni tas-Surpetendenza tal-Heritage.

**2.6** Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia daħal għal-laqgħa (18:40)

**2.7** Is-Sindku nfurma lill-Kunsillier Caruana Cilia sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni mitluba aktar kmieni fil-laqgħa.

## 3 MOZZJONIJIET

**Mozzjoni b'urġenza Nru 82 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Billi ilha tinħass il-ħtieġa li l-Kunsill jinfurza s-servizz ta' tindif, permezz tal-knis, fit-toroq tal-lokalita' u billi l-kuntratt eżistenti jorbot lill-kuntrattur joffri s-servizz ta' 4 kenniesa kuljum.

Nipproponi li l-Kunsill jirrivedi l-budget għas-sena 2021 sabiex tiġi allokata s-somma ta' € 52,000 fis-sena, għall-addizzjoni tas-servizz ta' 3 kenniesa oħra kuljum. Dan il-vot se jkun qed jinħadem fuq l-allokazzjoni mogħtija mill-Gvern Ċentrali, fuq is-servizz ta' knis tat-toroq.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li din il-mozzjoni għandha tapplika sal-aħħar tas-sena. Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa jekk hux se jkun hemm ksur fil-kuntratt u jekk hux se jkun hemm lok ta' appell minn xi bidder.

Il-Kunsillier Marvin Zammit qal li huwa mportanti li jsir auditing tas-servizz. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li jekk il-Kuntrattur huwa obbligat li jagħmel datatrak, dan għandu jagħmilha.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qa li b'erba' (4) kenniesa huwa mpossibli li tnaddaf Ħal Qormi kollu.

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li jittieħed parir legali mill-Avukat tal-Kunsill.

**Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontrau ma kien hemm l-ebda Astensjoni**.

**Mozzjoni Nru 83 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Librerija Reġjonali tissemma' għall-awtur u kittieb Qormi Lino Spiteri.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontrau ma kien hemm l-ebda Astensjoni**

## 4 Skeda ta' Ħlasijiet

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2021.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Abigail Sammut** issekondat**.**

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet.

## 5 Korrispondenza

Agreement bejn l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali u Malta Tourism Authority dwar permessi temporanji ta' mwejjed u siġġijiet.  Il-Kunsill qabel li jkun parti minn din l-iskema.

Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali - Community Gardening fil-lokalita'

Il-Kunsill qabel li jkun parti minn din l-iskema.

Tismija ta' Triq il-ġdida fi Triq il-Ħelsien.  Il-Kusnillier Dr Sean Apap Meli ppropona li din it-triq tissemma' Triq Mons .Annetto Depasquale.

Il-Kunsillier Ralph Puli ssekonda.  Il-Kunsill approva unanimament din il-proposta.

**Xogħlijiet fi Triq l-Imdina minn Infstrattura Malta.**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li matul ix-xahar ta' Lulju se jibda' x-xogħol ta' resurfacing fi Triq l-Imdina, fejn it-triq se tkun qed tingħalaq kompletament għat-traffiku.  Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda sett ta' pjanti bit-traffic management propost minn IM, fejn irriżulta li t-traffiku se jkun qed jgħaddi kollu minn Ħal Qormi, filwaqt li l-parkeġġ tul Triq San Edwardu se jitneħħa kollu, sabiex it-triq tiġi two-way sakemm isiru x-xogħlijiet.  Il-Kunsillier Carmel Cuschieri pprona li Triq Ġużè Duca tiġi two-way bit-traffiku li ġej minn Ħaż-Żebbuġ direzzjoni Valletta jiġi ddevjat minn quddiem il-KIA Showroom u minn tiela' mid-direzzjoni Valletta Żebbuġ. Jdur minn quddiem l-Attrans.  Is-Sindku propona titressaq proposta sabiex il-bankina l-wiesgħa faċċata tal-pompa tal-petrol tidjieq u jsiru spazji tal-parkeġġ.  Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din il-parti se tkun qed tintuża għal żewġ bus lanes.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li l-lokalita' se tbati minn impatt qawwi bit-traffiku kollu se jgħaddi minn Ħal Qormi, għaldaqstant il-lokalita'

għandha tiġi kompensata billi l-Kunsill iressaq talba quddiem Infrastruttura Malta sabiex isir resurfacing tal-aktar toroq milquta, li huma Triq il-Vitorja, Trqi San Edwardu, Triq San Bastjan u Triq San Bartolomew.

Il-Kunsillier Carmel Cuschieri qal li bħalissa qed isiru ħafna toroq, għaldaqstant il-Kunsill għandu jagħmel il-pressjoni meħtieġa sabiex isir proġett ħolistiku dwar transport alternattiv.

## 6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 3 ta' Awwissu 2021.**

Konfermati, illum 3 ta' Awwissu 2021

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

.